



Brussell, 1 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonal:
2018/0106(COD)

12460/19
ADD 1 REV 1

CODEC 1415	ENFOCUS 158
FREMP 133	AGRI 449
JAI 977	ETS 30
TELECOM 304	SERVICES 42
COMPET 642	TRANS 451
RC 23	FISC 369
CONSOM 254	SAN 405
DAPIX 269	ENV 795
DATAPROTECT 215	GAF 69
DROIPEN 143	ATO 81
FIN 601	CYBER 261
EMPL 478	COPEN 366
MI 663	POLGEN 162
PI 131	INF 259
SOC 630	ANIMAUX 18

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv
= Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Irlanda

L-Irlanda tilqa' d-Direttiva dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni, li ser tiżgura approċċ transsettorjali armonizzat għall-protezzjoni tal-informaturi madwar l-UE. Madankollu, l-Irlanda tqis li kwalunkwe leġislazzjoni tal-UE f'dan il-qasam għandha tirrifletti tajjeb il-bażijiet legali differenti li jeżistu fit-Trattati li jirfdi l-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-Direttiva. F'dan ir-rigward, l-Irlanda taqbel mal-analiżi tas-Servizz Legali tal-Kunsill kif tinsab fid-dokument 14620/18.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija tqis li d-Direttiva dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrappurtaw dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni, b'kamp ta' applikazzjoni materjali wiesa' li jkopri diversi oqsma b'bażijiet legali differenti fit-Trattati, għandha tirrifletti tajjeb il-bażijiet legali kollha f'konformità mar-regoli applikabbi. F'dan ir-rigward, l-Ungerija tikkondivididi bis-sħiħ l-analiżi tas-Servizz Legali tal-Kunsill kif tinsab fid-dokument 14620/18.

L-Ungerija hija tal-fehma li l-ġħan ewljeni tad-Direttiva huwa li tipproteġi informaturi li kisbu informazzjoni dwar ksur f'kuntest relatat max-xogħol, u għandha tīgi interpretata b'mod limitat kwalunkwe protezzjoni prevista mid-Direttiva għal terzi persuni għajnej l-informatur skont il-kamp ta' applikazzjoni personali tagħha. Persuni li jagħtu parir fis-sens tal-Artikolu 20 mhumiex koperti mill-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva kif jinsab fl-Artikolu 4, u d-Direttiva ma testendix għall-protezzjoni tagħhom.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Fil-mument tar-rieżami li jrid jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 27 tad-Direttiva, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-possibbiltà li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għal ċerti atti bbażati fuq l-Artikoli 153 TFUE u 157 TFUE, wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali, fejn xieraq, f'konformità mal-Artikolu 154 TFUE.
